Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 215/2003/1

**Fl-atti tal-Mandat ta' Qbid Numru 110/2003 fl-ismijiet:-**
**John u Elizabeth konjugi Mizzi**

**vs**

**Gatt Ready Mix Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikorsipprezentat fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri illi permezz tieghu s-socjetà Gatt Ready Mix

Limited, wara illi ppremettiet illi fid-19 ta' Mejju 2003 il-konjugi John u Elizabeth Mizzi ottenew il-hrug tal-Mandat ta' Qbid odjern wara li huma pprezentaw rendikont lil dik il-Qorti li permezz tieghu wrew li huma ghadhom kredituri tar-rikorrenti versu s-somma ta' elf, mitejn u lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm1201.25); illi fl-imsemmi rendikont il-konjugi Mizzi indikaw illi fl-10 ta' Awissu 2002 ir-rikorrenti hallsuhom is-somma ta' elfejn erba mija u wiehed u tletin lira Maltin u disa u tmenin centezmu (Lm2431.89); ghall-korrettezza irid jinghad li l-hlas sar wara t-2 ta' Settembru 2002 meta inhareg il-*Banker's Draft* u mhux fid-data indikata mill-konjugi Mizzi; madanakollu bir-rispett kollu lejn il-konjugi Mizzi dawn naqsu li jghidu jew jindikaw fir-rendikont imsemmi li gie ppresentat minnhom mal-Mandat ta' Qbid odjern u lanqas permezz ta' xi att iehor **<u>li dan il-hlas kien sar lilhom ghas-saldu tal-pretenzjonijiet kollha taghhom</u>**; illi effettivament dan l-imsemmi hlas ta' Lm2431.89 sar permezz ta' *Banker's Draft* mahrug mill-*Bank of Valletta p.l.c.* pagabbli lil John Mizzi; illi fuq l-imsemmi *Banker's Draft* is-socjetà rikorrenti kienet nizzlet specif(i)katament il-kliem '***Full and Final Settlement re Citation No. 246/97 G1PC John Mizzi et vs Gatt Ready Mix Limited***' kif jidher mill-anness(a) kopja tal-imsemmi *Banker's Draft* (Dokument 'GRM1'); illi barra minn dan il-kliem hekk car u inekwivoku fuq il-*Banker's Draft*, is-socjetà rikorrenti regghet nizzlet u rrepetiet dawn il-precizi kelmiet fuq nota bil-*letter head* taghha liema nota gie(t) annessa mal-imsemmi *Banker's Draft* u intbaghtet lill-konjugi Mizzi li accetta (*sic*) dina n-nota flimkien mad-*Draft* fl-10 ta' Settembru 2002 (Dokument 'GMR2' u 'GMR3'); illi galadarba l-konjugi Mizzi kellhom indikazzjoni hekk cara li ma thallix ebda dubbju li l-hlas li kien intbaghtilhom kien ghas-saldu tal-pretenzjonijiet kollha taghhom relattivi ghall-kawza li giet intavolata minnhom kontra r-rikorrenti, huma ma kellhom qatt jaqbdu u jsarrfu dak il-*Banker's Draft*; il-fatt li l-konjugi Mizzi marru u qabdu u sarrfu l-*Banker's Draft* minghajr ebda riserva jfisser haga wahda biss jigifieri li huma accettaw li huma kienu kredituri ta' dak l-ammont biss li kien hemm indikat fid-*Draft* u xejn aktar; illi l-Qrati taghna dejjem sostnew li meta persuna taccetta minghand debitur l-hlas ta' ammont bhal *in full*

*and final settlement* dan ikun ifisser li dak huwa l-ammont li kellha tiehu u xejn aktar; anzi l-Qrati taghna jmorru oltre u jghidu li anke jekk ghall-grazzja tal-argument debitur (*sic*) jaccetta l-hlas *in full and final settlement* izda jghid li dan qieghed jaccettah ‘minghajr pregudizzju’ dan xorta wahda ma jistax wara jitlob li jithallas dak li huwa jippretendi li ghandu jiehu; illi s-socjetà rikorrenti tkun disposta li tippresenta nota ta’ riferenzi ta’ sentenzi dwar dan il-principju izda hija certa li dik il-Qorti hija ferm konsapevoli ta’ dawn id-decizjonijiet; illi ghalhekk dik il-Qorti wara li tikkonstata dawn il-fatti u tezamina d-dokumenti annessi mar-rikors ghandha tirrevoka *kontrarju* (*sic*) *imperio* d-digriet taghha tad-19 ta’ Mejju 2003 li permezz tieghu akkordat il-hrug tal-Mandat ta’ Qbid Numru 110/2003 u dan peress illi l-konjugi Mizzi accettaw il-hlas ta’ Lm2431.89 ghas-saldu tal-pretenzjonijiet kollha taghhom relattivi ghall-kawza ‘John Mizzi et vs Gatt Ready Mix Limited’ (Citazz. Nru. 246/97PC); ma ghamlu ebda riserva (anke jekk dik ma kienet tiswa xejn); qabdu u sarrfu dak il-*Banker’s Draft* li huma rcevew; jigifieri kienu kuntenti li thallsu somma li kienet tissodisfa pjenament il-pretenzjonijiet kollha taghhom fl-imsemmija kawza; talbet illi dik il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tad-19 ta’ Mejju 2003 li permezz tieghu akkordat il-hrug tal-Mandat ta’ Qbid Numru 110/2003 fl-ismijiet ‘John u Elizabeth konjugi Mizzi vs Gatt Ready Mix Limited’;

Rat ir-risposta ta’ l-intimati konjugi Mizzi;

Rat id-digriet ta’ l-ghoxrin (20) ta’ Awissu, 2003 illi permezz taghha l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), Superjuri cahdet it-talba tas-socjetà rikorrenti u kkonfermat id-digriet taghha tad-19 ta’ Mejju, 2003 li bih kienet ordnat il-hrug tal-Mandat ta’ Qbid numru 110/2003, u dana wara illi kkunsidrat hekk:
“Billi jezisti dubbju u anke konflitt ta’ provi dwar kemm tassew il-pagament in kwistjoni gie accettat *in full and final settlement* kif qed issostni s-socjetà intimata, sew minhabba li l-kliem mizjud fuq il-*Bank Draft* relattiv ma giex awtentikat bl-ebda firma, kif ukoll ghax il-konjugi

Mizzi wrew Nota differenti minn dik li tghid li baghtitilhom is-socjetà intimata flimkien ma’ l-istess *Bank Draft*.

“Billi ghalhekk mhix sodisfatta illi s-socjetà intimata wriet raguni tajba ghaliex ghandu jigi revokat dan il-Mandat.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell tas-socjetà Gatt Ready Mix Limited illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet illi jigi annullat, kancellat u revokat id-digriet ta’ l-20 ta’ Awissu, 2003 u illi jigi mhassar ghal kollox il-Mandat ta’ Qbid Numru 110/2003, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati;

Rat ir-risposta ta’ l-appell tal-konjugi Mizzi illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettew illi l-appell huwa bla bazi u ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra s-socjetà appellanti kemm ta’ dan l-appell u kif ukoll tal-proceduri ntavolati quddiem l-ewwel Qorti;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi minn qari akkurat tar-rikors ta’ appell jirrizulta illi s-socjetà appellanti ghandha aggravju wiehed biss kontra d-digriet appellat, dak illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti quddiemha;

Illi, kif huwa risaput, qorti tat-tieni grad ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul minn qorti ta’ l-ewwel grad purkè ma tirrizultax raguni serja sabiex taghmel hekk;

Fil-kaz odjern, dina l-Qorti, wara illi ezaminat il-provi kollha prodotti - kemm id-depozizzjonijiet ta’ Elizabeth Mizzi u ta’ Mario Gatt, kemm id-dokumenti esibiti u kemm l-atti l-ohra - taqbel mal-konsiderazzjonijiet dwar dawn il-provi illi ghamlet l-ewwel Qorti, liema konsiderazzjonijiet wassluha ghad-decizjoni korretta illi tichad it-talba tas-socjetà Gatt Ready Mix Limited u illi tikkonferma l-validità tal-Mandat ta’ Qbid numru 110/2003. F’dan ir-rigward, huwa utili illi

jigi rilevat illi, ghalkemm l-imsemmija konsiderazzjonijiet ta’ l-ewwel Qorti ma humiex voluminuzi, fihom inghad bizzejjed biex jiggustifika d-decizjoni raggjunta, kif jidher mill-partijiet sottolineati minn dina l-Qorti ta’ l-istess konsiderazzjonijiet hawn taht citati:
“Billi jezisti dubbju u anke konflitt ta’ provi dwar kemm tassew il-pagament in kwistjoni gie accettat *in full and final settlement* kif qed issostni s-socjetà intimata [Gatt Ready Mix Limited], sew minhabba li l-kliem mizjud fuq il-*Bank Draft* relattiv ma giex awtentikat bl-ebda firma, kif ukoll ghax il-konjugi Mizzi wrew Nota differenti minn dik li tghid li baghtitilhom is-socjetà intimata flimkien ma’ l-istess *Bank Draft*.

“Billi ghalhekk mhix sodisfatta illi s-socjetà intimata wriet raguni tajba ghaliex ghandu jigi revokat dan il-Mandat.”

Fil-fehma ta’ dina l-Qorti, minflok il-kelma “accettat” fis-silta appena citata mid-digriet appellat kienet tkun aktar idonea l-kelma “offert”;

B’zieda ma’ dak illi qalet l-ewwel Qorti, tajjeb illi jigi rilevat illi fin-nota iffirmata minn “Raymond Gatt”, illi l-konjugi Mizzi rcevew flimkien mal-imsemmi *Bank Draft*, il-kliem *in full and final settlement* ma jiffigurawx.   F’dan il-kuntest, dina l-Qorti trid taghmilha cara illi hija konvinta illi din in-nota hija dik markata “Dok. B” u esibita flimkien mar-risposta tal-konjugi Mizzi ghar-rikors promotorju tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti u mhux dik markata “GRM2”, esibita mis-socjetà Gatt Ready Mix Limited ma’ l-istess rikors;

Illi, fid-dawl ta’ dak illi inghad sa issa, l-aggravju tas-socjetà appellanti ma jistax jigi milqugh;

Ikkunsidrat:

Illi, ghall-kompletezza, ghandu jinghad illi dina l-Qorti taqbel ma’ dak illi jinghad fis-segwenti bran mit-tielet (3) pagina tar-risposta tal-konjugi Mizzi ghar-rikors ta’ appell:
“Illi kien propju mhabba dan il-fatt tan-nuqqas ta’ prova konvincenti da parti tas-socjetà debitrici illi l-Ewwel Qorti

ma qaditx tidhol fil-kwistjonijiet legali ta' x'jistghu jkunu l-konsegwenzi legali meta debitur joffri li jhallas ammont anqas minn dak li jkollhu jghati u jippretendi li dak il-pagament qed jaghmlu ghas-saldu u l-kreditur jaccetta dak il-pagament bid-dikjarazzjoni cara li qed jaccetta dak il-pagament mhux ghas-saldu imma akkont ta' dak li fil-fatt kellhu ji[e]hu. U aktar u aktar dwar xi tkun l-posizzjoni meta d-debitu li jkun qed jigi esegwit jkun kanonizzat b'sentenza tal-Qorti."

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma d-digriet appellat;

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza, kif ukoll dawk ta' l-ewwel istanza (**l-ewwel Qorti ma ppronunzjatx ruhha dwar l-ispejjez ta' l-ewwel istanza**) jigu sopportati kollha mis-socjetà appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------